



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/2023(INI)

11.5.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Lejn rispons Ewropew aktar b'saħħtu għal diżastri li jseħħu: ir-rwol tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja (2011/2023(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Striffler

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Itenni li l-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta l-prinċipji umanitarji (umanità, newtralità, imparzjalità u indipendenza) biex tissodisfa l-bżonnijiet umanitarji lil hinn mill-UE u li l-użu ta' mezzi ta' protezzjoni ċivili għandu jkun ibbażat fuq il-bżonnijiet u għandu jkun kumplimentari u koerenti mal-għajjnuna umanitarja; jinsisti dwar il-fatt li dawn il-prinċipji mhumiex ta' natura dommatika iżda huma dovuti għal kunsiderazzjonijiet operattivi u ta' effikaċja;
2. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA) biex ikompli bil-ħidma tiegħu sabiex jiġi definit qafas metodoloġiku komuni għall-evalwazzjoni tal-bżonnijiet billi jkun hemm tentattiv ta' inklużjoni sistematika tal-protagonisti lokali, inkluż mhux statali;
3. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tat-twaqqif bil-quddiem tal-għajjnuniet bl-għan li tiżdied il-veloċità ta' intervenzjoni tal-organizzazzjonijiet umanitarji f'każ ta' diżastri; jikkonstata li l-iżvilupp tad-depożiti/pjattaformi jirrifletti l-effikaċja ta' dan l-approċċ f'termini ta' veloċità, kwalità u bilanċ bejn l-ispiża u l-effikaċja, u jitlob lill-Kummissjoni iżomm l-appoġġ finanzjarju tagħha f'dan il-qasam;
4. Jirrikonoxxi li l-użu tal-mezzi militari - trasport, loġistika, sigurtà - b'appoġġ għall-operazzjonijiet umanitarji jista' jikkostitwixxi appoġġ essenzjali, b'mod partikolari matul diżastri naturali kbar; ifakkar li l-mezzi militari għandhom jintużaw f'każijiet ferm limitati u bħala l-aħħar soluzzjoni possibbli, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti;
5. Jilqa' l-proposta ta' ħolqien ta' ċentru Ewropew ta' rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jitlob li jiġu stabbiliti regoli preċiżi u trasparenti għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni, filwaqt li jfakkar li l-għajjnuna umanitarja mhijiex strument politiku ta' ġestjoni tal-kriżi;
6. Jerġa' jafferma r-rwol ċentrali li jiżvolġi l-OCHA fil-koordinazzjoni tal-azzjoni umanitarja internazzjonali;
7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiegħu rwol attiv fl-iżgurar tal-viżibilità tar-riżorsi u tal-kapaċitajiet użati fil-post, partikolarment permezz tal-użu tas-simboli tal-UE b'mod parallel mas-simboli nazzjonali.